**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 25 ta' Frar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Charlene Buhagiar, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 75692M**

***Kumpilazzjoni Nru. 375/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Charlene Buhagiar u cioe`, talli:

F'dawn il-Gżejjer, f'April 2016, u fix-xahar ta' qabel:

1. Għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Fl-istess żmien u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, u aktar talli xjentement għamlet użu minnha;

4. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor ffalsifikat;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i ħhal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li fuq skorta tad-decizjonijiet moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[1] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[2] kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[3] l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata li nghatat minghajr id-dritt li tkun assistita mill-legali taghha, ma ghandiex aktar valur probatorju.

---

[1] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[2] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[3] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

Illi **Clive Ciappara**, il-parte leza, xehed kif f'Marzu, 2015, meta kien f'relazzjoni mal-imputata, tlewmu u l-imputata qabdet u hadet ic-cwievet tal-vettura Peugot 208 u telqet biha. Beda jitlobilha lura w meta baqghet ma rritornatiex ghamel rapport l-ghassa l-Hamrun izda peress li kienet tintuza mit-tnejn, ma setghux jipprocedu u jigbruha. Qata' qalbu li joqghod jiftah kawza u meta wasal iz-zmien li taghlaq l-*insurance* taghha, waqqafha. Gara izda li rega' ra il-vettura fit-triq u meta mar jistaqsi dwarha ma Laferla, fejn kienet assikurata qabel, infurmawh li il-polza kienet giet mgedda. Konxxju tal-fatt li ma kienx gedded il-polza baqa' jindaga kif seta' gara dan u sar jaf li kienet giet mgedda mill-Global, Birzebbuga.[4]

Dwar Global Insurance Brokers Limited jghid dan: *"diga kienu qaluli tal-insurance tieghi li dan popolari li jaghmel dawn l-affarijiet ….[Qorti: X'jaghmel dawn l-affarijiet?]….Li jinxurja bla ma jara n-nies. Min ghandu problema jmur ghandu hekk qaluli. Imma insomma mort ghandu u speci tkellimt mat-tifel tieghu u qalli li ser igibli l-Pulizija ghax jien ghidtlu min gie u qalli giet mara, imbaghad insomma isaqsi lis-segretarja u kollox u qalli li giet mara u cempel lil missieru ghax meta giet hi tinxurjaha ma kienx hu xoghol imma missieru u qalli iva din niftakarha, din giet qaltli li r-ragel ma jiflahx…… u qalli niftakar li giet Charlene, qaltli li r-ragel qieghed ma jiflahx u rridu ingeddu l-karozza ghax kienet ghalqet minghalija la naf bi tlett ijiem u lanqas b'erbgha u qaltli biex nehodha d-dar u niffirma jien peress li qieghed fis-sodda niffirma ghaliha u hi ghamlet hekk ux, marret id-dar u ma nafx x'iffirmat id-dar taghha ux….* [*Spettur: Inti ffirmajt ghaliha imma?]...Le* ***jien ma ffirmajtx****, anzi, jien ghandi hafna karozzi jigifieri, min hu tal-insurance huwa habib tieghi sewwa, fhimt, qalli hi il-karozza marret erbat ijiem wara biex tinxurjaha li ghalqet diga."*.[5] In kontro-ezami jichad li kien ta l-vettura lill-imputata bhala rigal *"Kieku tajtilha ghamiltilha fuq isimha."*.[6]

Illi l-**Ispettur Anne Marie Xuereb** esebiet kwerela datata t-3 ta' Marzu, 2016, mibghuta mill-parte leza sabiex jittiehdu passi fil-konfront tal-imputata talli din zammet fil-pussess taghha il-vettura tieghu, Peugot CCS-193, sa mit-23 ta' Marzu, 2015, minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tirritornaha. Il-kwerelant informa lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-*insurance* u *r-road licence* relattivi ma kienux ser jigu mgedda

[4] Fol.52-54
[5] Fol.54
[6] Fol.55

wara li kienu ser jiskadu f'Marzu, 2016.L-ispettur tagħt ir-retroxena tal-investigazzjoni kondotta mill-pulizija wara l-kwerela tal-parte leza. Ciappara kien nfurmahom li l-vettura tiegħu kienet baqgħet fil-pussess tal-ex tfajla tiegħu u għalhekk kien mar għand l-*insurers* tiegħu, Elmo Insurance, u wissiehom sabiex f'kaz li l-imputata tmur tagħmel *renewal* tal-*insurance,* dawn jirrifjutaw tenut kont li kien hu sid il-vettura. Xi zmien wara gie nfurmat li l-polza giet mgedda ma Laferla Insurance tramite Global Insurance Brokers Limited. Ciappara nforma l-Pulizija li biex dan sar il-firma tiegħu bilfors giet falsifikata. Il-pulizija bagħtet għar-rapprezentant tal-*broker*, Eman Farrugia, li ftakar li Ciappara rrikorra għandhom biex ikun jaf kif il-polza giet mgedda mingħajr ma kien jaf hu. Il-pulizija kellmet ukoll haddiem mal-*broker*, Aaron Camilleri li nfurmahom li fl-4 t'April, 2016 l-imputata pprezentat ruħha bhala t-tfajla ta' Ciappara, u kienu ftehmu li kellha ggiblu l-*proposal form* għat-tigdid ffirmata minn Ciappara. Hu kien ħa nota tan-numru tagħha billi kittbu fuq dokument minnhom. Zied jgħid lill-pulizija li Ciappara kien rrabjat kif ra li l-firma ma kienitx tiegħu, kif ukoll li l-vettura giet insured *third party, fire &theft* biss meta originarjament kienet *fully comprehensive*.[7]

Illi l-Ispettur Xuereb esebiet ukoll dokumentazzjoni minn SMS Insurance Agency plc. li bihom qed isir it-tigdid tal-*insurance policy* fuq il-vettura numru CCS-193 għall-perjodu 4.04.2016 sa 31.03.2017, filwaqt li l-istess *policy* inqalbet minn *Fully Comprehensive* għal waħda ta' *Third Party Fire & Theft.* Fuq *Schedule and Proposal Form* formanti parti mill-istess dokumentazzjoni tidher firma bil-kliem *"Clive Ciappara"* ħdejn id-data tal-4 t'April, 2016. Fuq pagna minn din id-dokumentazzjoni, u senjatament l-*invoice* relattiva jirrizulta numru tat-telefon 79009092.[8]

Illi **Marlene Muscat**, in rapprezentanza tal-kumpanija Vodafone, xehdet li n-numru 79009092 jappartjeni lil certu Charlene Buhagiar detentrici tal-karta tal-identita` 75692M.[9] Gie pruvat għalhekk li **fuq it-tigdid tal-polza tal-assikurazzjoni gie mmarkat in-numru tal-mobile tal-imputata**.

---

[7] Fol.46-47
[8] **Dok.AM2**
[9] Fol.43; dokumentazzjoni a fol.41-42

Illi **George Stagno Navarra** rapprezentant ta' Elmo Insurance spjega li sal-31 ta' Marzu, 2016, il-vettura registrata f'isem Clive Ciappara kienet registrata maghhom *fully comprehensive*.[10]

Illi **Aaron Camilleri** kkonferma d-dokumentazzjoni li giet mghoddija lill-pulizija, fosthom id-dokument li fuqu hemm mnizzel numru tat-telephone 79009092.[11] Xehed li l-imputata kienet pprezentat ruhha bhala t-tfajla ta' Ciappara u maghha hadet kopja tal-*insurance* l-antika. Ikompli *"hrigtilha l-insurance jiena u tlabtha li ghandi bzonn xi karti biex jigu ffirmati, li huwa dan id-dokument….Tatjhom lilha biex jigu ffirmati, ovvjament hrigt l-insurance u l-licenzja ghax kienet ghalqet, ix-xahar ta' qabel, dak kollox u gabuli d-dokumenti l-ohra."*[12] Wara xi jumejn gabet il-karti lura, *"Clive Ciappara ma kienx prezenti [meta ffirma d-dokument]".*[13] Jghid li ma kienx hu li nizzel in-numru tat-telephone fuq id-dokument gja msemmi.

Illi **Eman Farrugia** li jiggestixxi l-ufficju ta' Global Birzebbuga, wara li kkonferma d-dokument AM2, xehed li n-numru tal-mobile 79009092 miktub fuqu kitbu hu *"Nahseb ktibnieh biex nikkuntatjaw lil xi persuna. Ma nafx ezattament ta' min hu….."*. Ftakar kif Ciappara kien mar il-hanut u deher irrabjat *"ghax ovvjament il-policy kienet saret fuqu u ma kienx jaf biha".*[14] Kienet saret *policy* gdida[15] ghalkemm hu ma kienx involva ruhu fiha peress li ha hsieb kollox Aron Camilleri, impjegat iehor. Farrugia juri kemm l-operat tal-ufficju taghhom jitmexxa b'mod laxk ghall-ahhar:

*"Spettur: Orrajt, mela fil-post fejn tahdem inti fl-insurance, jekk il-karozza tkun inxurjata fuq il-Magistrat, ghall-argument, u nigi jien biex ninxurjaha, taccettaw illi niehu d-dokumenti?*
*Xhud: Iva, iva*
*Qorti: Ehe?*
*Spettur: Gieli taccettawha?*
*Xhud: Iva naccettawha*
*Qorti: Prosit eh*
*Spettur: U d-dokumenti meta ssir il-firma fuq l-insurance policy, trid issir quddiemkom jew nista' nehodha d-dar*

[10] Fol.61 et seq.
[11] Dok.AM2
[12] Fol.49-50
[13] Fol.51
[14] Fol.73
[15] Fol.74

*Xhud: Le gieli kellna kazi fejn naghtuhilom u jgibuhilna rritornata within the next working days*[16]*…..*
*Spettur: Issa, imma biex saret fuqu kien hemm bzonn xi haga ta' Clive, le?*
*Xhud: Imma mhux jien ghamiltha l-insurance*
*Spettur: Iva, imma biex saret fuqu kien hemm bzonn*
*Xhud: Gabu l-log book eh, gabu d-dettalji*
*Spettur: Apparti li gabu l-log book*
*Qorti: Xi trid iggib izjed? Ha nsaqsih jien, ma jridx jiffirma?*
*Xhud: Staqsejna ghall-firma*
*Spettur: Lil Clive*
*Qorti: Int fejn taf min iffirmaha dik, jekk ma tigix iffirmata quddiemek?*
*Spettur: Issa x'hin giet Charlene u qaltlek fuq din tat-tarbija, rigward il-firma tkellimtu fuqha?*
*Xhud: Jien ghditilha ara s-sitwazzjoni u ppruvaw irrangawha eh*
*Qorti: le ruhi, fuq il-firma x'qaltlek? Int ma staqsejtiex kif dik il-firma giet hemmekk?*
*Xhud: Eh ghidtilha, ghidtilha taf li ffirmajt hawnekk u hu ma jafx biha*
*Qorti: U x'qaltlek?*
*Xhud: Ma niftakarx it-twegiba li kienet tatni*
*Qorti: Le?*
*Spettur: Ma kinetx importanti ghalik li tkun taf?*
*Qorti: Intom insurance serja jew tal-habba gozz?*
*Spettur: Ghax din hemm l-isem tal-insurance taghkom fin-nofs ta*
*Qorti: Kieku din il-persuna harget dik l-insurance u tajret persuna, intkom liable ghad-danni ghax la wiehed u lanqas hi ma ghandhom status. Erga pprova ftakar, int ma rrabjatx li l-insurance tieghek ittiehdet for a ride?*
*Xhud: Le jiena irrabjat ghax bhal speci ahna spiccajna f'nofs sitwazzjoni li ahna naghmlu hafna policies kuljum*
*Qorti: Iva naf kif taghmluhom ukoll, hareg hawnekk, ghalhekk qed nghidlek oqghod attent Sinjur*
*Spettur: Clive rah id-dokument, intkom kif jista' jkun jekk sarx dan it-tip ta' diskors, kif jista' jkun li saret l-insurance meta hu ma kienx jaf? Qalulek dan it-tip ta' diskors meta kien irrabjat?*
*Xhud: Le hu qalli li dik mhix il-firma tieghu.*[17]*…..*
*Spettur: Ma tiftakarx. Wara li sirtu tafu dan kollu, wara li dhalna l-pulizija u kollox, intom minn naha taghkom, il-policy itterminajtuha jew le?*
*Xhud: <u>Le ghadna ma ghamilnijiex</u>*
*Qorti: Lanqas!*
*Xhud: <u>Le ghadna ma tterminajnijiex".</u>*[18]

[16] Ibid.
[17] Fol.75-77
[18] Fol.77

Illi **Dr. Martin Bajada** wara li kienu ttiehdu kampjuni tal-firem tal-parte leza, Clive Ciappara, kif ukoll tal-imputata, u sar qbil bejnhom u l-firma fuq is-*Schedule and Proposal Form*, ikkonkluda li dik il-firma ma kienitx tappartjeni lil ebda wiehed minnhom, *"Mhux eskluz li saret minn xi terz"*.[19]

Illi **Stephen Cachia** xehed li l-vettura CCS 193 kienet registrata fuq Clive Ciappara sa mill-25 ta' Marzu, 2014. Jirrizulta li Ciappara kien l-uniku sid tal-imsemmija vettura.[20]

Illi **Svetlana Bezzina,** l-ufficjal ghall-probation, xehdet kif l-imputata trabbiet f'kuntest posittiv, kienet regghet sabet impjieg u kif ma ssofri minn ebda vizzju. Gie kkonstatat li l-imputata kellha tibqa' izzomm l-impjieg taghha izda kien mehtieg ukoll li tattendi ghall-sessjonijiet ma counsellor sabiex tindirizza l-emozzjonijiet naxxenti mit-terminazzjoni tar-relazzjoni taghha mal-parte leza.[21]

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**:[22]

Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg ...

Illi r-reat ta' falz materjali hu ravvizat fl-artikoli 183, 184 u 185 tal-Kodici Kriminali filwaqt li l-falz idejologiku jinsab ravvizat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

---

[19] Dok. Fol.20 et seq.
[20] Fol.35 et seq.
[21] Fol.84-85; **Dok. SB** a fol.86 et seq.
[22] Deciza 17 ta' Ottubru, 1997, per Onor. Imhallef Vincent Degaetano

Illi mhemmx dubbju li s-*Schedule and Proposal Form* tikkostitwixxi skrittura kummercjali.

Illi lanqas ma hemm dubbju li l-firma fuq dik il-form hi wahda ffalsifikata u li ghalkemm ma jirrizultax li saret mill-imputata, madanakollu mhemmx dubbju li hi kienet konsapevoli li Clive Ciappara ma kienx il-firmatarju taghha.

Ghalhekk il-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fit-tieni imputazzjoni, liema imputazzjoni giet soddisfacentment ippruvata.

In kwantu ghall-piena l-Qorti qiset dak kkonstatat mill-ufficjal ghall-probation fis-*Social Enquiry Report* esebit, tal-fedina penali tal-imputata u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fejn ghad li ma kienx hemm ammissjoni, l-vettura in kwistjoni giet mghoddija lura lill-parte leza.[23] Ma setghax ma jinghatax piz dovut ghall-fatt li l-ghemil tal-imputata jattakka l-fiducja pubblika. Kien provvidenzjali li dik il-vettura ma kienitx il-kagun ta' incident stradali fejn terzi setghu jisfaw pregudikati irreparabilment tenut kont li l-vettura kienet assikurata a bazi ta' dokumentazzjoni ffalsifikata. Ghal din ir-raguni l-Qorti tqis li sentenza sospiza u mhux semplicement ordni ta' supervizjoni ghandha tkun il-piena idoneja.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali issib l-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni, tilliberaha mill-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannaha ghal piena ta' ghoxrin xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hatja taht ordni ta' supervizjoni ghal sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni fuqha impost.

---

[23] Fol.111. Vide Verbal 08.01.2019

Finalment in vista ta' dak li rrizulta minn dawn l-atti dwar l-operat tal-ufficju ta' Global Insurance Brokers Limited, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil Malta Financial Services Centre u lil Malta Insurance Association.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**